# Sena Vokazzjonali

Inkomplu l-mixja tagħna.
Imiss it-tielet fażi.

Tfittxija — Azzjoni — Missjoni

### X'jgħidilna l-Papa Franġisku

Nixtieq infakkar li m'hemmx bżonn ikunu għamlu xi mixja twila biex iż-żgħażagħ isiru missjunarji. Imqar l-iżjed dgħajfin, limitati u miġruħa jistgħu jkunu missjunarji bil-mod tagħhom, għax it-tajjeb dejjem għandna nħalluh jasal, anki jekk qed jgħix spalla ma' spalla mad-dgħufija. Żagħżugħ li jmur pellegrinaġġ biex jitlob l-għajnuna lill-Madonna u jistieden ħabib jew sieħeb tiegħu biex imur miegħu, b'dan il-ġest sempliċi qed iwettaq azzjoni missjunarja prezzjuża.

*Meħuda mill-Christus Vivit, ittra ta' Papa Franġisku ndirizzata liż-żgħażagħ*

### X'għandi nagħmel

- ☐ Infittex li ngħix il-vokazzjoni tiegħi bl-aħjar mod sabiex inkun ta' servizz għal ħuti l-oħra.
- ☐ Bl-eżempju u bil-ħajja tiegħi nipprova nwassal il-ferħ ta' Kristu għand l-oħrajn biex huma wkoll jaslu jagħrfu x'inhi s-sejħa tagħhom.
- ☐ Ngħix dejjem b'atteġġjament ta' fiduċja f'Alla biex l-isfidi tal-ħajja jkunu mumenti li jsaħħu l-missjoni tiegħi u mhux ixekkluha.

### Talba

Missier Qaddis, sejjaħ aktar ħaddiema fl-għalqa tiegħek. Lil dawk li ssejjaħ, għinhom jisimgħu u jilqgħu l-istedina tiegħek. Lil dawk li jilqgħu l-istedina tiegħek, agħtihom li jirbħu l-biża' u t-tfixkil li jiltaqgħu miegħu fit-triq. **Lil dawk li jinsabu fit-triq, agħamilhom ħaddiema dejjem aktar qaddisa u ħabrieka għal Ibnek Ġesu'.** Ammen.

Il-Komunità tas-Seminarju tixtieq tirringrazzja
lill-benefatturi kollha li kontinwament qed isostnu lis-Seminarju tagħna
bit-talb kif ukoll bl-għajnuna materjali.


sem&u

Lulju 2020
Ħarġa nru 15

***Is-Seminarju u Int***
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt


## Żmien mimli opportunitajiet u ringrazzjamenti

Ġeneralment iż-żmien tas-Sajf ikun mument fejn wieħed ikollu l-opportunità jibdel xi ftit mir-ritmu mgħaġġel tal-ħajja ta' kuljum. Dan jgħodd ukoll għas-seminaristi tagħna li joħorġu mis-Seminarju u jmorru jagħmlu diversi esperjenzi ta' volontarjat kemm f'Malta kif ukoll 'il barra minn xtutna filwaqt li jieħdu sehem fil-ħajja pastorali tal-komunitajiet parrokkjali tagħna. Iżda dan is-Sajf tal-pandemija huwa wieħed differenti: is-seminaristi ilhom nieqsa mis-Seminarju sa mit-12 ta' Marzu li għadda u minħabba r-restrizzjonijiet li hawn hu diffiċli li dan is-Sajf ikollhom l-istess opportunità ta' esperjenzi. Iżda filwaqt li l-paragun ma' dak li jsir "is-soltu" iwassalna biex naraw dan iż-żmien bħala wieħed mimli limitazzjonijiet, il-fiduċja fil-Mulej li jmexxi l-istorja tal-bnedmin u li jagħtina n-nifs tal-Ispritu tiegħu li jonfoħ fejn irid hu twassalna biex nħarsu lejn dan is-Sajf bħala wieħed mimli opportunitajiet ħalli bħala komunità tas-Seminarju nibqgħu nikbru fl-imħabba ta' Kristu u nwieġbu għas-sejħa tiegħu. Ser tkun okkażjoni biex ngħixu aktar il-karità ma' dawk li huma qribna fil-kuntesti lokali tagħna; impenn li spiss huwa aktar tqil minn dak li tħobb lill-persuni li ma tafhomx u tiltaqa' magħhom biss għal perijodu limitat. Ser tkun okkażjoni wkoll biex ninbnew aktar fl-għaqda ta' bejnietna u tisseddaq fost is-seminaristi dik il-fraternità u l-ħajja ta' flimkien li hija tant essenzjali biex wieħed jgħix il-ministeru b'qalb sħiħa u ħielsa.

Dan filwaqt li għaddejja ħidma sħiħa biex il-binja tas-Seminarju tkun tista' tkompli taqdi l-missjoni tagħha bħala dar fejn wieħed jgħix, jitlob, jirrifletti, jistudja u jirrelata mal-oħrajn. Hemm sensiela ta' proġetti li għaddejjin bħalissa: sistema ta' network għall-internet; xogħolijiet fejn jgħixu s-seminaristi u fir-refettorju fejn jieklu flimkien mal-manutenzjoni ordinarja. Dan kollu hu possibli frott il-qalb ġeneruża tagħkom il-benefatturi tagħna li kontinwament turuna l-wiċċ tal-Providenza ta' Alla fl-għajnuna spiritwali u materjali li toffrulna.

Fl-aħħarnett, hu xieraq li lil Alla nirringrazzjawh ukoll tal-imħabba li jurina permezz tal-persuni li jagħtu ħajjithom għalih u għall-Knisja tiegħu. Xieraq li nirringrazzjawh għall-ħidma li wettaq magħna l-Isqof Mario Grech, u anke għall-impenn u l-kontribut siewi li taw lis-Seminarju Dun Alex Refalo bħala Direttur Spiritwali u Dun Gabriel Gauci bħala Viċi-Rettur u Prefett tal-Istudji. Nirringrazzjawh ukoll għas-saċerdot novell Dun Mario Mercieca u għad-djakni l-ġodda Andrew Grima u Etienne Gilson (OFM Conv.). Filwaqt li nitolbu għalihom nawgurawlhom kull ġid fil-ministeru tagħhom. Ma' dawn ir-ringrazzjamenti nilqgħu lil Dun Anton Teuma bħala isqof-maħtur għad-Djoċesi tagħna, lil Dun Samuel Grech bħala Viċi-Rettur u lil Dun Noel Debono bħala Prefett tal-Istudji. Nafdaw lil dawn ħutna, lis-seminaristi u lilna lkoll f'idejn Ommna Marija ħalli tgħinna nwieġbu dejjem b'imħabba u disponibilità għal dak li jgħidilna Binha Ġesù!

Dun Richard Nazzareno Farrugia
*Rettur*



# Is-seminaristi jibdew programm straordinarju ta' formazzjoni

**L-imxija tal-Covid-19 ġabet bidla fil-mod ta' kif is-seminaristi għexu l-formazzjoni tagħhom. Minkejja li ma kienx possibli li tiġi mgħixha l-ħajja komunitarja, xorta waħda baqgħet għaddejja l-ħajja formattiva fil-limiti u bl-isfidi ġodda li ġabet magħha.**

## FORMAZZJONI SPIRITWALI

Mumenti ta' riflessjoni fl-aħħar tax-xahar, il-Lectio Divina ta' kull ġimgħa, u l-Irtir tal-Ġimgħa Mqaddsa saru kollha permezz tal-mezzi soċjali.

## FORMAZZJONI AKKADEMIKA

Tul ix-xhur bejn Marzu Ta' kull filgħodu s-seminaristi fit-8:15 kienu qed jingħaqdu flimkien għal-lezzjonijiet tagħhom mid-dar permezz ta' online conferencing sabiex il-formazzjoni akkademika setgħet tibqa' għaddejja.

## FORMAZZJONI UMANA

Id-diversi kollokji li s-seminaristi jkollhom mar-rettur, mad-direttur spiritwali u mal-psiko-terapista tkomplew permezz tal-*video-conferencing*.

## FORMAZZJONI PASTORALI

Il-ħidma li s-seminaristi jkollhom fil-*weekend* ġewwa l-parroċċi rispettivi tagħhom kellha tieqaf minħabba d-direttivi li ħarġu. Però qed nużaw modi differenti kif inkomplu nagħtu servizz. Min qed jgħin f'ċelebrazzjonijiet li jixxandru *live* fuq l-internet, min qed jagħmel xi vidjows għat-tfal dwar il-Vanġelu tal-Ħadd u min qed jaħdem fuq materjal riflessiv għaż-żgħażagħ.






## Grazzi u Awguri!

Il-komunità tas-Seminarju tixtieq tirringrazzja lil Dun Alex Refalo u lil Dun Gabriel Gauci tal-ħidma tagħhom fis-Seminarju bħala Direttur Spiritwali u bħala Viċi-Rettur u Prefett tal-Istudji rispettivament. Nawgurawlhom għall-esperjenzi ġodda li ser jibdew fix-xhur li ġejjin!

Nilqgħu b'ferħ fostna lil Dun Samuel Grech li se jieħu l-post ta' Viċi-Rettur u lil Dun Noel Debono li se jservi bħala Prefett tal-Istudju.

Fl-aħħarnett nixtiequ nirringrazzjaw lil E.T. Mons. Isqof Mario Grech li dejjem segwa mill-qrib l-andament tas-Seminarju tagħna tul dawn l-14 -il sena tal-Episkopat tiegħu. Nawguraw lil Dun Anton Teuma, l-Isqof maħtur, fil-bidu ta' din il-missjoni ġdida bħala ragħaj tad-Djoċesi tagħna.

# Kelmtejn mal-Ordinandi

Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2020, id-djaknu Mario Mercieca ġie ordnat presbiteru filwaqt li s-seminarista Andrew Grima ġie ordnat djaknu. Flimkien ma' Andrew ġie ordnat djaknu Fra Etienne Gilson tal-Franġiskani Konventwali. Din l-ordinazzjoni saret fuq iz-zuntier ta' Ta' Pinu fil-5:30pm. Bi tħejjija għal din l-ordinazzjoni, nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2020, il-komunità talbet flimkien mal-ordinandi f'velja ta' talb li saret fis-sala tas-Seminarju. F'din l-okkażjoni xtaqna nagħmlu ftit mistoqsijiet lil dawn iż-żewġ żgħażagħ fil-bidu tal-ministeru l-ġdid tagħhom.



**Andrew, x'ħassejt waqt l-ordinazzjoni li kienet iċċelebrata b'dan il-mod differenti?**
Personalment nistqarr li għalija kienet grazzja li niġi ordnat djaknu f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu, u dan minħabba l-fatt li mhux biss afdajt f'idejn il-Madonna Ta' Pinu sa mil-bidu l-mixja tiegħi fis-seminarju, iżda wkoll għax dan is-santwarju kien dejjem port sigur li fih kont insib il-faraġ meta l-maltemp kien jagħmel tiegħu f'ħajti. Allura żgur li fil-mument li fih kont qiegħed niġi ordnat djaknu kont ħafna ferħan u seren, però fuq kollox grat ħafna lejn Alla.

**Mario, kif għext il-ministeru tad-djakonat waqt l-pandemija?**
Ngħidlek il-verità, qatt f'ħajti ma kont qiegħed nistenna li ser isseħħ ħaġa bħal din, kont bdejt nissetilja fil-parroċċa tan-Nadur (fl-esperjenza tar-Randan) meta f'daqqa waħda kollox waqaf ħesrem. Fis-sitwazzjoni li konna qed ngħixu fiha, ftit stajt nagħmel affarijiet imma dak li stajt nagħmel għamiltu bl-aħjar mod possibli. Matul il-ġimgħa kont inċempel lil xi nies vulnerabbli biex b'hekk stajt inkun għalihom bħala wens. Tul dan iż-żmien kont nitlob ukoll għal dawk il-persuni li minħabba din il-pandemija kienu għaddejjin minn mumenti diffiċli.

**Andrew, xi sfidi taħseb li ser issib fil-ministeru ta' djaknu?**
Il-qadi huwa l-pedament tad-djakonat u dan fuq l-eżempju ta' Ġesù. Nemmen għalhekk li l-ewwel sfida għalija hija propju biex kuljum nikber f'dan is-sens ta' qadi, jiġifieri li niftaħ qalbi għall-oħrajn, immut għall-aptiti u l-gosti tiegħi biex noffri ħajti lill-oħrajn u lill-Knisja. Sfida oħra hija dik li kontinwament inkun miftuħ għal kull ispirazzjoni tal-Ispirtu biex ngħix dak li jgħid Papa Franġisku: l-imħabba kreattiva fil-qadi tal-ministeru tiegħi.

**Mario, bħala saċerdot novell, x'inhi l-viżjoni tiegħek għas-saċerdozju?**
Li nkun saċerdot disponibbli. M'hemmx xi ħaġa isbaħ milli tkun man-nies u għan-nies. Inħoss li llum il-ġurnata n-nies, għalkemm mhux dejjem jistqaruha, iħossu l-bżonn tas-saċerdot fil-ħajja tagħhom. Qatt ma taf meta huwa l-mument li l-aktar li jkollhom bżonnok. Dan li nawgura lili nnifsi, li nkun saċerdot b'viżjoni ta' disponibiltà. Huwa permezz ta' dan l-aspett li tista' twassal lill-persuna biex tersaq lejn Alla u tagħmel esperjenza tiegħu bħala Missier ħanin.

**Andrew, x'parir tagħti lil min qed itella' u jniżżel jidħolx is-Seminarju?**
Kull sejħa li għamel Alla fl-Iskrittura dejjem hija akkumpanjata mill-kelma "TIBŻAX". Huwa normali li meta wieħed fid-dixxerniment tiegħu jagħraf li Alla qiegħed isejjaħlu, jibża' għax jagħraf li ma għandux il-ħila biex iwettaq b'fedeltà u b'mod sħiħ dik il-missjoni li Alla jkun qed jafdalu. Però propju għalhekk li Alla dejjem jgħidilna "LA TIBŻAX", għax huwa jaf bid-dgħjufija tagħna u għalhekk li huwa magħna u jagħtina l-għajnuna tiegħu propju biex inħobbuh f'dik il-missjoni li jafdalna. U allura għal kull min qiegħed iħoss li l-Mulej qiegħed isejjaħlu ngħidlu: "TIBŻAX".

**Mario, temmejt iż-żmien tiegħek fis-Seminarju. X'ser iġġorr f'qalbek mill-esperjenzi tul dawn it-tmien snin?**
Huma ħafna l-esperjenzi fis-Seminarju. Fis-Seminarju għaddejt minn żminijiet sbieħ u minn żminijiet diffiċli. It-tnejn kienu importanti fil-formazzjoni tiegħi. Naħseb li l-aktar mumenti li ser inżomm f'qalbi huma l-mumenti ta' filgħaxija qabel l-irqad, quddiem Ġesù Ewkaristija. Nemmen li llum ninsab fejn ninsab minħabba dawk il-mumenti ta' intimità mal-Mulej. F'qalbi ser nibqa' ngħożż ukoll il-familja tas-Seminarju b'mod speċjali ċ-ċajt li kont nagħmel ma' sħabi. Għax ngħiduha kif inhi, huma dawn il-mumenti li l-aktar li tibqa' tiftakar u tgħożż f'qalbek.

